

31982R0897

L 106/7

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.4.1982

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 897/82
tal-20 ta' April 1982**

li jemenda għat-tielet darba r-Regolament (KEE) Nru 1842/81 fir-rigward ta' l-għoti ta' rifiżjonijiet aġġustati fil-każ ta' ċereali esportati fil-forma ta' ċertu xorb spirituż

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽¹⁾ kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3808/81 ⁽²⁾, u partikolarment Artikoli 16(6) u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1188/81 ta' 28 April 1981 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifiżjonijiet aġġustati fil-każ ta' ċereali esportati fil-forma ta' xorb ta' l-ispirtu u l-kriterji iffissati ta' l-ammont ta' dawk ir-rifiżjoniet u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3035/80 dwar ċerti prodotti mhux koperti b'Anness II tat-Trattat ⁽³⁾, u partikolarment Artikolu 12 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1842/81 ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3487/81 ⁽⁵⁾, jippreskrivi l-proċedura għall-għoti ta' rifiżjonijiet aġġustati fuq ċereali esportati fil-forma ta' ċertu xorb spirituż;

Billi Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1842/81 jippreskrivi li d-dikjarazzjoni ta' ħlas għandha tinkludi il-piż nett tal-prodotti; billi, ukoll, Artikolu 4(3) ta' l-istess Regolament jippreskrivi li ċ-ċereali jew xgħir tal-birra impjegati għandhom ikunu ta' kwalità tajba li tinbiegħ; billi, fl-interess taċ-ċarezza, il-kunċett ta' l-umidità użat f'dak ir-Regolament għandu jkun imfisser;

Billi l-kontenut ta' umidità taċ-ċereali normalment ma jeċċedi 16 %; billi ċereali b'umidità li taqbeż 16 % jintużaw kultant fil-produzzjoni tal-*whisky*; billi għandha ssir dispożizzjoni għal tnaqqis; billi t-tnaqqis għandu jkun akbar fil-każijiet fejn il-kontenut ta' umidità taċ-ċereali jaqbeż 18 %, biex jitqies il-fatt li dawk iċ-ċereali ma jkunux tnixxfu;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2731/75 ⁽⁶⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1156/77 ⁽⁷⁾, jippreskrivi wkoll metodu *standard* ta' l-ittestjar għal kontenut ta' umidità fiċ-ċereali; billi għandha ssir referenza għal dak il-metodu, waqt li jitħalla li jkun użati metodi komplementari użati, sakemm dawn ta' l-aħħar joffru garanziji suffiċjenti;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1842/81 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu 2 il-punt (ċ) li ġej huwa miżjud:

“(ċ) il-kontenut ta' umidità.”

2. Jiżdied it-tielet paragrafu li ġej:

“3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-piż nett taċ-ċereali użati għandu jkun il-piż nett tagħhom b'kontenut ta' umidità li ma jaqbeż 16 %. Jekk il-kontenut ta' l-umidità taċ-ċereali użati huwa iżjed minn 16 % imma mhux iżjed minn 17 % il-piż li għandu jitqies għall-iskop ta' ħlas għandu jkun il-piż nett b'1 % anqas. Jekk il-kontenut ta' umidità taċ-ċereali użati huwa ta' iżjed minn 17 % imma mhux iżjed minn 18 % it-tnaqqis għandu jkun ta' 2 %. Jekk il-kontenut ta' umidità taċ-ċereali użati jaqbeż 18 % it-tnaqqis għandu jkun ta' 2 % għal kull 1 % ta' umidità il fuq minn 16 %.

Il-metodu *standard* Komunitarju għad-determinazzjoni tal-kontenut ta' l-umidità taċ-ċereali maħsuba għall-produzzjoni ta' xorb spirituż msemmi fir-Regolament (KEE) Nru 1188/81 għandu jkun dak muri f'Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2731/75.

⁽¹⁾ ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.

ĠU L 136, tat-2.6.1977, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 382, tal-31.12.1981, p. 37.

⁽³⁾ ĠU L 121, tal-5.5.1981, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 183, ta' l-4.7.1981, p. 10.

⁽⁵⁾ ĠU L 352, tat-8.12.1981, p. 18.

⁽⁶⁾ ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 22.

⁽⁷⁾ ĠU L 136, tat-2.6.1977, p. 11.

Iżda, l-użu ta' metodi komunement użati għandhom ikunu awtorizzati, sakemm jipproduċu riżultati li ma jkunux differenti b'aktar minn ħames punti deċimali minn dawk tal-metodu *standard*.

Il-metodi, li ma jkunux il-Metodu Standard Komunitarju, msemmi fit-tielet subparagrafu, għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-20 April 1982.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni
